# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 22 ta' Frar, 2024**

**Numru 1**

**Rikors Numru 1088/17TA**

**BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C 41030)**

**vs**

**SM (Marketing) Ltd. C 41560 (bħala l-kumpannija debitriċi prinċipali) u Mark Bezzina K.I. numru 446674M, SM (Services) Ltd. C47967, Stephen Galea K.I. numru 274870M u Mary Galea K.I. numru 247673M (ilkoll bħala garanti in solidum mal-kumpannija debitriċi prinċipali) u b'digriet tal-20 ta' Jannar 2020 Dr. Noel Bartolo u Prokuratur Legali Doreen Aquilina ġew maħtura bħala kuraturi ad litem biex jirrappreżentaw l-interessi tal-mejta Mary Galea u b'digriet tal-14 ta' Ġunju 2021 Dr. Noel Bartolo ġie sostitwit b'Dr. Jason Grima.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-Soċjeta' BNF Bank Plc (il-bank Attur) tad-29 ta' Novembru 2017 li permezz tiegħu talab u ppremetta s-segwenti:

"1. Illi l-kumpannija esponenti hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;

2. Illi l-kumpannija debitrici principali hija klijent tal-kumpannija esponenti u hadet minn ghandha ghall-finijiet tan-negozju taghha, self ta' zewg miljun Euro (€2,000,000) ai termini ta' Credit agreement datat 7 ta' Lulju 2014 (ara Dok. 'A') u zewg kuntratti pubblici maghmula fl-atti tan-nutar Dr Philip Lanfranco fl-1 ta' Settembru 2014 (ara rispettivament Dokumenti 'B1' u 'B2'), liema self kien jikkonsisti fis-segwenti:

i. Business Loan - miljun u disa' mitt elf Euro (€1,900,000), u

ii. Business Overdraft – mitt elf Euro (€ 100,000);

3. Illi l-kumpannija debitrici principali naqset milli thallas lura s-self u konsegwentement, id-dejn hu kif gej:

i. kwantu l-Business Loan fuq imsemmi, l-ammont ta' miljun, disa' mija u hamsa u hamsin elf, sitt mija u tnejn u tmenin Euro u tnax – il centezmu (€1,955,682.12), dovut fuq Loan Account numru 58289 70 4, bl-imghaxijiet inkluzi ta' mija u tlieta u ghoxrin elf, mija u tnejn u tmenin Euro u tnax -il centezmu (€123,182.12) mahduma sat-12 ta' Settembru 2017 (ara Dok. 'C'), u

ii. kwantu l-Business Overdraft fuq imsemmi, l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u tlieta u erbghin Euro u sitta u disghin centezmu (€3,743.96) dovut fuq Current Account numru 58289 10 1, bl-imghaxijiet inkluzi ta' tlettax -il Euro u tmienja u sittin centezmu (€13.68) mahduma sat-12 ta' Settembru 2017 (ara Dok. 'D');

Illi in konnessjoni mal-facilitajjiet Bankarji fuq imsemmija, l-kumpannija debitrici principali ghandha mal-kumpannija esponenti, l-Current Account numru 58289 10 2 (ara Dok. 'E') u fuq dan il-kont, hemm dovut l-ammont ta' hamsin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€50.29) fi spejjez varji, li sat-12 ta' Settembru 2017, kien jinkludi mghaxxijiet ta' sbatax -il centezmu (€0.17) (ara Dok. 'F');

5. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut hu ta' miljun, disa' mija u disgha u hamsin elf u erba' mija u sitta u sebghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€1,959,476.37);

6. Illli d-dejn fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tieghu mill-kumpannija debitrici principali lill-kumpannija esponenti:

i. kwantu l-Business Loan u l-Business Overdraft fuq imsemmija, ai termini ta' klawsola 9(t) tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u gja msemmi, stante li kif qed tistipula din l-istess klawsola, sehhew wahda jew aktar mill-Events of Default imsemmijin

f'dan il-Credit Agreement, partikolarment, izda mhux esklussivament:

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,

b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,

n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility", u

ii. kwantu l-Current Account numru 58289 10 2 u gja imsemmi, ai termini ta' klawsola 5 tat-Terms and Conditions relattivi u klawsola 6 tal-Conditions of Use relattivi (ara Dokumenti 'G' u 'H' rispettivament);

7. Illi kull wiehed mill-intimati l-ohra, ossija Mark Bezzina, SM (Services) Ltd., Stephen Galea u Mary Galea dahlu garanti solidali mal-kumpannija debitrici principali u dan ai termini ta' Dokumenti 'I' u 'J' kwantu l-ewwel tnejn u ai termini ta' Dok. 'K' kwantu l-ahhar tnejn;

8. Illi in virtu` ta' dawn il-garanziji, l-imsemmija garanti huma responsabbli solidalment mal-kumpannija debitrici principali sabiex ihallsu d-dejn ta' din tal-ahhar, u dana skond kif patwit minnhom fl-istess garanziji;

9. Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-intimati diversi drabi biex ihallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittra legali datata 18 ta' Novembru 2016 (ara Dok. 'L') u ittra ufficcjali numru 2547/2017 datata 18 ta' Lulju 2017 u prezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'M') izda dawn baqghu inadempjenti u l-kumpannija debitrici principali sa anke` rrespingiet bla raguni ta' xejn, l-interpellanza tal-kumpannija esponenti permezz ta' risposta prezentata fis-27 ta' Lulju 2017 (ara Dok. 'N');

10. Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa cert, likwidu u dovut u l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet esponenti;

11. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpannija esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. tiddikjara li l-intimati huma solidalment bejniethom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €1,959,476.37, b'dana li r-responsabilta` tal-hlas ta' kull wiehed mill- garanti solidali Mark Bezzina, SM (Services) Ltd., Stephen Galea u Mary Galea tkun skond kif patwit minnhom fil-kuntratti ta'garanzija rispettivi; u

3. tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom, ihallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont ta'€1,959,476.37, b'dana li r-responsabilta` tal-hlas ta' kull wiehed mill- garanti solidali Mark Bezzina, SM (Services) Ltd., Stephen Galea u Mary Galea tkun skond kif patwit minnhom fil-kuntratti ta'garanzija rispettivi,

Bl-ispejjez, bank charges u fees u bl-imghaxijiet mit-12 ta' Settembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv u dan kollu ai termini tal-Credit Agreement fuq imsemmi u markat Dok. 'A' u t-Terms and Conditions fuq imsemmija u markati Dok. 'G', l-Conditions of Use fuq imsemmija u markati Dok. 'H' u t-Tariff of Charges relattivi ghall-Current Accounts (ara Dok. 'O').

L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:

1. bil-hdax fil-mija (11%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq l-Loan Account numru 58289 70 4 u fuq imsemmi, u dan skond kif stipulat fi klawsoli 5 u 9(t) tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u msemmi aktar 'l fuq, u

2. bil-ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq l-Current Accounts numri 58289 10 1 u 58289 10 2 fuq imsemmija, u dan skond kif stipulat fit-Tariff of Charges relattiva markata Dok. 'O' u msemmija aktar 'l fuq (ara markar bl-ahdar fuq Dok. 'O');

L-intimati huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess intimati."

Rat ir-risposta ta' SM (Marketing) Ltd (il-konvenuta SM), Mark Bezzina (il-konvenut Bezzina), u SM (Services) Ltd (il-konvenuta Services) li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

"1. Illi fl-ewwel lok irid jigi pruvat li gew avvanzati lill-konvenuti s-somom pretizi, irid jigi pruvat x'rata ta' imghax kienet applikabbli ghal tali somom fid-diversi perjodu tar-relazzjoni bankarja bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti, u jrid jigi ppruvat x'servizzi gew rezi mis-socjeta' bankarja attrici lill-konvenuti, f'kaz illi s-somma mitluba tikkomprendi fiha charges, ledger fees jew kommissjonijiet;

2. Illi minghajr pregudizzju gha-suespost, in vista ta' l-artikoli 986(2), 1139, 1142 u 1850 sa 1853 Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess mil-limitu massimu mpost mil-ligi, kif ukoll imghax kompost u charges, ledger fees u kommissjonijiet mhux dovuti li gew mizjuda ma' l-obbligazzjonijiet principali b'qerq tad-dispozizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u l-uzura latenti, u li ghaldaqstant ghandhom jinqatghu mill-kapital, flimkien ma' l-imghax kompost li rega' gie mizjud fuqhom, ai termini ta' l-artikolu 185(2) Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti ma jaqblux li huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammont mitlub kif jista' biex jigi ppruvat fil-mori tal-proceduri u hemm lok fost affarijiet ohra fejn is-socjeta attrici agixxiet intempestivament ghall-irkupru ta' somom avvanzati mill-bank attur;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti ma kienux u ma humiex garanti idonei ai termini ta' l-Att. 1931 tal-Kodici Civili ta' Malta in kwantu fl-ebda mument ma kellhom beni bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-oggett ta' l-obbligazzjoni, fatt maghruf mill-kreditur u ghalhekk ipso jure ma humiex garanti u in kwantu l-azzjoni attrici hija diretta fil-konfront taghhom din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-garanzija li qed jipprova jenforza l-bank attur huma monki kif ser jigi ppruvat f'dawn il-proceduri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposti tal-Kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw l-interessi tad-defunta Mary Galea (il-konvenuti Kuraturi) li eċċipew is-segwenti bir-risposta tat-12 ta' Frar 2020:

“1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ ghandha dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mal-eredi tal-intimata defunta.

2. Illi fi kwalunkwe kaz din il-kawza ma tistax tinstemgha bil-procedura tal-giljottina peress li mhux idoneju li tintuza procedura ta’ giljottina meta hemm konvenuti li ghalihom qeghdin jidhru kuraturi deputati li f’dan l-istadju mhumiex edotti mill-fatti.

6. Illi ghal finijiet w effetti kollha tal-Ligi f’dan l-istadju l-esponenti jeccepixxu li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respiti.

7. Illi *dato ma non concesso* li ma jigux akkolti l-eccezzjonijiet sudetti l-esponenti jirrilevaw illi jekk hemm xi ammont li talvolta jista jigi dikjarat li hu dovut, ghandu jekk ikun il-kaz japplika l-beneficcju tal-eskussjoni u/jew il-beneficcju tal-qsim tad-dejn skont il-Ligi.

8. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.”

U s-segwenti bir-risposta tad-9 ta’ Marzu 2020:

“1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ ghandha dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mal-eredi tal-intimata defunta.

2. Illi ghal finijiet w effetti kollha tal-Ligi f’dan l-istadju l-esponenti jecepixxu li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti.

3. Illi fil-mertu, jinghad illi l-esponenti huma nfurmati illi l-intimata defunta kienet afflitta minn mard mentali meta inghataw il-garanziji lil Bank attur u kwindi minn dan il-lat tali kuntratti huma nulli essendo l-kunsens wiehed ivvizzjat.

4. Illi di piu l-esponenti huma nfurmati wkoll illi d-defunta ma ffirmat ebda kuntratti.

5. Illi bla pregudizzju dato ma non concesso li ma jitlaqghux l-eccezzjonijiet precedenti, jinghad illi ghandu jigi pruvat li gew avvanzati lil konvenuti jew min minnhom is-somom pretizi, irid jigi

pruvat x'rata ta' imghax kienet applikabbli ghal tali somom fid-diversi perjodi tar-relazzjoni bankarja vantata, u jrid jigi ppruvat x'servizzi gew rezi mis-socjeta' bankarka attrici lil konvenuti jew min minnhom.

6. Illi minghajr pregudizzju, in vista ta' l-artikolu 986(2), 1139,1142 u 1850 sa 1853 Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess mil-limitu massimu mpost mil-ligi, kif ukoll imghax kompost u charges, ledger fees u kommissjonijiet mhux dovuti li gew mizjuda ma' l-obbligazzjonijiet principali u li ghaldaqstant ghandhom jinqatghu mill-kapital, flimkien ma' l-imghax kompost li rega' gie mizjud fuqhom, ai termini ta' l-artikolu 185(2) Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrilevaw illi d-defunta hiex debitrici tas-socjeta attrici;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost in vista ta' diskrepanzi u nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq transazzjonijiet effettwati bejn il-partijiet hemm lok li ssir talba mill-esponenti ghal hatra ta' accountant kwalifikat sabiex jirrelata fuq il-kitba tan-negozju tas-socjeta attrici ai termini ta' l-Art. 23 tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi *dato ma non concesso* li ma jigux akkolti l-eccezzjonijiet sudetti l-esponenti jirrilevaw illi jekk hemm xi ammont li talvolta jista' jigi dikjarat li hu dovut, ghandu jekk ikun il-kaz japplika l-beneficcju tal-eskussjoni u/jew il-beneficcju tal-qsim tad-dejn skont il-Ligi.

10. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat li din il-kawża oriġinarjament kienet bil-proċedura speċjali sommarja iżda l-Qorti ordnat li tinstema' b'mod ordinarju.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Qrat u semgħet ix-xhieda imressqa tul il-kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Din hija kawża fejn il-bank Attur qiegħed jitlob is-somma imsemmija fir-rikors promotur mingħand is-Soċjeta' SM bħala d-debitriċi prinċipali u l-konvenuti l-oħrajn bħala garanti solidali għall-ħlas.

**2.** Kawża li ħadet it-tul, stante d-diffikulta biex jiġu notifikati xi partijiet u l-ħatra ta' kuraturi għal Mary Galea li mietet fil-mori tal-Kawża.

**3.** Dak li qiegħed jitlob il-Bank mingħand il-konvenuti fil-kwalita imsemmija hu l-ammont ta' €1,959,476.37 kif fost oħrajn kif pattwit bejn il-partijiet bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Philip Lanfranco tal-1 ta' Settembru 2014 (a' fol 14) u kif ukoll skritturi oħra. Is-Soċjeta SM interpellata biex tħallas dan l-ammont b'ittra uffiċjali (a' fol 49) irrispinġiet il-ħlas b'ittra uffiċjali oħra da parti tagħha (a' fol 51).

**4.** Għalhekk il-Bank Attur pproċeda b'din il-kawża biex jirriklama l-ħlas.

**Punti ta' Liġi**

**5.** Il-kwistjoni kollha tirrigwarda inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenuti għaliex ma osservawx l-obbligi tagħhom skont kull ftehim li kellhom mal-Bank Attur, fost oħrajn għaliex ma kienux puntwali jew naqsu għal kollox milli jagħmlu l-ħlas lura tal-flejjes avvanzati lis-Soċjeta' SM bħala d-debitriċi prinċipali.

**Konsiderazzjonijiet**

**6.** Il-persuna li l-aktar li tefgħet dawl fuq il-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti huwa x-xhud Alfred Ferrante, manager fi ħdan il-Credit Recoveries Unit tal-bank konvenut. Ħafna mix-xhieda mogħtija minn Mark Bezzina u Stephen Galea, hija pjuttost waħda li tirrigwarda l-kwistjoni interna li kellhom bejniethom naxxenti mill-iskrittura privata tat-2

ta' Frar 2017 (a fol 445). Kwistjoni li l-bank Attur huwa għal kollox estraneju għaliha, anke jekk setgħet kienet din li waslet għall-Kawża odjerna.

**7.** Kwistjoni oħra li ukoll ma tirrigwardax lill-Bank Attur hija il-prokura li kienet irrilaxxjat Mary Galea, mart l-konvenut Stephen Galea, li mietet fil-mori tal-Kawża. Din kienet marida u anke rikoverata Monte Carmeli, kundizzjoni li kienet injota għall-Bank Attur. Di fatti, Stephen Galea jixhed li qatt ma informax lill-bank bl-istat mentali ta' martu l-konvenuta (a' fol 416). Għalhekk il-konvenuti ma jistgħux jippretendu li l-Bank iwieġeb għal dan il-fatt, jekk meta ta s-self kien in bwona fede u għalkemm ma jistax jingħad l-istess għall-konvenuti. L-aktar li kellu l-interess tagħha u li kellu id-dmir li jieħu ħsiebha kien dak li uża il-prokura meta kien jaf f'liema stat kienet. Minkejja dan il-flus tal-Bank inġibdu u ttieħdu.

**8.** Kwantu għall-ammont li qiegħed jiġi reklamat, il-Qorti ħadet nota tax-xhieda ta' Alfred Ferrante fuq imsemmi. Dan jixhed li minn naħa tas-Soċjeta' debitriċi, SM Marketing Ltd, kien hemm sinjali ta' stress bħal cheques li jiġu ritornati għaliex ma jkunx hemm fondi. Saħansitra l-Awditur ta' din il-kumpanija fl-audit report jagħmel kummenti ta' nuqqas ta' kontabbilita' ta' kif kienu jitmexxew l-affarijiet (a' fol 202 tergo). Di piu kien hemm żmien meta l-balance sheets ma kienux jaslu fi żmien miftiehem li fih innifsu huwa kkunsidrat bħala "event of default" (a' fol 203).

**9.** Dan ix-xhud jixhed ukoll li il-flus tas-self ġew miġbura ossia withdrawn (a' fol 204 tergo). Dan ix-xhud ikompli jispjega, li meta ġie

inkarigat awditur ġdid, dan ikkwalifika il-*financial statements* u għamel aġġustamenti li jmorru lura għal xi snin ta' qabel partikularment tas-Soċjeta' SM (Marketing) Ltd u spiċċat insolventi u għalhekk telf ta' 1.8 miljun. Dan kien ifisser li din il-Kumpanija ma setgħetx tkompli topera u dan ukoll huwa *default event* u għalhekk il-Bank iddeċieda li jħares l-interessi tiegħu (a' fol 206 tergo u 207). Issa l-insolvenza hija kundizzjoni impliċita li tinnewtralizza kull terminu għall-ħlas tant li artikolu 1079 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

"*Id-debitur ma jkunx jista' jitlob iżjed il-benefiċċju taż-żmien jekk isir mhux solvibbli, jew jekk l-istat tiegħu jkun hekk tbiddel li jqiegħed fil-perikolu l-ħlas tal-kreditu, jew jekk b'għemilu jkun naqqas il-garanzija illi skont il-kuntratt kien ta lill-kreditur, jew jekk ma jkunx tah il-garanzija li kien wiegħdu*".

**10.** Mela kemm aktar isib l-applikazzjoni tiegħu dan il-prinċipju meta ċirkostanza bħal din tiġi kontemplata espressament bejn partijiet għall-kuntratt u ftehim ta' dejn! (Ara a' fol 13 para k u n).

**11.** Jirrisulta ukoll li l-konvenuti baqgħu ħafna lura fil-pagamenti (a' fol 207). Jirrisulta ukoll li minkejja kienu morużi baqgħu jippersistu li ma jħallsux kif tindika l-ittra uffiċjali fuq imsemmija. Il-konvenut Stephen Galea esasperat jesklama "*U ha noqghodu ingebbdu. U ejja ha nhallsu u naqtghu dan l-inkwiet. Il-verita verita. Ghalfejn ha noqghodu nistahbew".* (a fol 566 tergo). Fil-waqt li l-konvenut l-ieħor, mill-affidavit tiegħu jirrisulta

b'mod ċar li l-kontestazzjoni hija fuq l-imgħaxijiet u mhux fuq il-Kapital partikularment minħabba ir-rata ta' imgħax ta' 11%. (a' fol 444).

**12.** Issa sa fejn jirrigwarda din l-eċċezzjoni ta' użura moħbija din trid tkun ipprovata minn min jallega. Di piu' eċċezzjoni bħal din trid tinqara fid-dawl ta' dak li ser jingħad hawn taħt.

**13.** Din il-kwistjoni ta' imgħax hija fil-fatt il-pern tal-eċċezzjoni mogħti minn uħud mill-konvenut (a' fol 184), fis-sens li l-bank Attur qiegħed jitlob imgħaxijiet ogħla minn dawk li tippermetti il-liġi u kif ukoll kien hemm charges, fees oħra. Eċċezzjoni li ritwalment titqanqal f'kawżi bħal dawn. Di fatti f'dawn l-eċċezzjonijiet inqalgħu l-kwistjoni tal-anatoċiżmu u użura latenti. F'dan ir-rigward artikolu 986 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk*:*

*"(1) Il-pattijiet quotae litis huma nulli imghaxijiet żejda.*

*(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1852 u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' mgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu żejjed".*

**14.** Pero' f'dan ir-rigward irid jingħad li sa fejn jirrigwarda l-Banek 1855A tal-Kodiċi Ċivili ukoll jiddisponi li "*Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja flimkien mal-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jagħmel regolamenti li jkunu jordnaw il-kondizzjonijiet li taħthom dawk id-djun u obbligazzjonijiet li jiġu hekk imsemmija f'dawk ir-regolamenti jistgħu jiġu eżentati minn xi dispożizzjoni tat-Titolu IV u t-Titolu XVII tat-Taqsima II*

*tat-Tieni Ktieb bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet bħalma huwa jista' jistabbilixxi f'dawk ir-regolamenti, u li jkunu iktar minn hekk jirregolaw il-ħlas ta' mgħax, il-ħdim ta' mgħax kompost f'kull aspett tiegħu u l-ogħla somma ta' mgħax li jista' jiġi mħallas".*

**15.** Issa bis-saħħa ta' dan l-artikolu ġie promulgat l-Avviż Legali 16.06 *Interest Rate (Exemption*) tal-24th March, 2009 li fost oħrajn jiddisponi hekk f'regolament 3(1):

"*The provisions of Title IV and Title XVII of Part II of Book Second of the Civil Code or of any other part of the Civil Code or of any other law in so far as they limit or restrict the charging of interest and the compounding of interest shall not applyto any:*

*(a) debts and other obligations which may arise from financial transactions where one of the parties is a designated entity:*

*Provided that no party to the financial transaction maybe a natural person;"*

**16.** Għalhekk din il-parti tal-liġi tapplika għal dak li għandha quddiemha din il-Qorti. Pero' jemerġi ukoll li d-divjet taħt artiklu 986 jibqa' xorta japplika għal persuna naturali, peress li kif jirrisulta eżenzjoni f'dan ir-rigward taħt ir-regolament ma hemmx. Dan ifisser, li r-rata ta' imgħaxijiet kif mitluba fit-talbiet sa fejn jirrigwarda lill-konvenuti persunali naturali ma hiex aċċettabbli iżda għandha tkun dik ta' 8% fil-mija. Fir-rigward tas-

Soċjetajiet konvenuti, stante li dawn huma korpi morali, r-regolament japplika.

**17.** Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni li sa fejn jirrigwarda l-kapital dan ġie ipprovat u għalhekk huwa dovut. Sa fejn jirrigwarda l-imgħax kif mitlub, dan ser jintlaqa' pero' sa fejn jirrigwarda lis-Soċjetajiet konvenuti iżda mhux fir-rigward tal-konvenuti l-oħrajn bħala persuni fiżiċi naturali. Anzi fil-każ ta' dawn tal-aħħar, ser tkun qed tilqa' parzjalment it-tieni eċċezzjoni tas-Soċjeta' SM (Marketing) u oħrajn u dan kif ser ikun spjegat fid-decide.

**Decide**

Għaldaqstant, din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba stante li hija eżawrita.

**Tilqa it-tieni eċċezzjoni** tal-konvenuti SM (Marketin) Ltd u oħrajn bil-mod kif ser jingħad aktar 'l isfel inkwantu jirrigwarda l-imgħaxijiet mogħtija b'din is-Sentenza.

**Tilqa' it-tieni talba** u tiddikjara illi l-konvenuti huma solidalment bejniethom, debituri tal-Bank attur fl-ammont ta' €1,959,476.37, b'dana li r-responsabilta` tal-ħlas ta' kull wieħed mill-garanti solidali Mark Bezzina, SM (Services) Ltd., Stephen Galea u Mary Galea tkun skond kif patwit minnhom fil-kuntratti ta' garanzija rispettivi salv għal dak li ser jingħad dwar l-imgħaxxijiet.

**Tilqa' it-tielet talba** u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom, iħallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont ta' €1,959,476.37, b'dana li r-responsabilta` tal-ħlas ta' kull wieħed mill-garanti solidali Mark Bezzina, SM (Services) Ltd., Stephen Galea u Mary Galea tkun skont kif patwit minnhom fil-kuntratti ta' garanzija rispettivi salv għal dak li ser jingħad dwar l-imgħaxxijiet.

**Tilqa' ukoll** it-talbiet kif mitluba sa fejn jirrigwardaw lis-Soċjetajiet konvenuti bir-rati ta' imgħax kif mitluba pero' sa fejn dawn jirrigwardaw lill-konvenuti l-oħrajn fil-kapaċita' personali tagħhom, stante li huma persuni naturali fiżiċi, bir-rata ta' imgħax ta' 8%.

Fiċ-ċirkostanzi, l-imgħaxijiet għandhom, fil-każ tas-Soċjetajiet konvenuti jitħallsu flimkien mal-Kapital b'effett minn meta ġie presentat ir-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv u fil-każ tal-konvenuti l-oħrajn, biex jikkompensa għal kull imgħax żejjed magħdud fis-somma kapitali, mill-presenti Sentenza sal-pagament effettiv.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**